MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2011

Avviz Numru. 48/1999/1

Maria Farrugia,
U b'degriet tal-20 ta' Jannar 2006,
Il-ġudizzju ġie trasfuż f'isem
Joseph Farrugia, Anthony Farrugia,
Michael Farrugia, minflok Maria
Farrugia li mietet fi-mori tal-kawża;

Joseph Farrugia, u b'degriet tat-
3 ta' Novembru 2010, il-ġudizzju
Ġie trasfuż f'isem Vctoria Farrugia
Armla ta' Joseph, flimkien ma'
Uliedha Manwel Alexander,
Dr. Joseph u Franklin ilkoll aħwa
Farrugia, ta' "Farrugia", Triq l-
Imgħallem, Victoria, Għawdex,
Minflok Joseph Farrugia li miet fil-
Mori tal-kawża;

Anthony Farrugia u Michael Farrugia.

vs

Joseph Apap,
Colin Apap,
Felix Apap,
Francesca Portelli,
Maria Curmi u
Dolores Apap.

Il-Qorti,

Rat l-Avviż li permezz tiegħu l-atturi talbu lill-konvenuti jgħidu għaliex m'għandhomx jiġu kkundannati jħallsuhom l-ammont li jiġi likwidat minn din l-Onorabbli Qorti, rappreżentanti danni sofferti minnhom wara li l-istess atturi ġew miżmuma permezz ta' mandat ta' inibizzjoni fl-ismijiet "Joseph Apap et vs. Joseph Farrugia et." (mandat nru. 1048/93) milli jagħmlu xogħol fuq ħajt diviżorju li jifred il-proprjeta' tagħhom bin-numru 12, Triq l-Arcipriet Cassar, Victoria, Għawdex, minn dik tagħhom bin-numru 18 Triq Michelangelo Refalo, Victoria, Għawdex, u dan peress illi l-istess mandat ġie miksub inġustament a dannu ta' l-istess atturi.

Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra uffiċjali spediti f'Ottubru 1998 u Novembru, 1998.

Il-konvenuti huma mħarrka għas-subizzjoni li għaliha minn issa jinsabu nġunti.

Rat in-Nota ta' l-Eċċezzjonijet tal-konvenuti li eċċepew illi:

1. Illi t-talba attriċi hija nfondata fid-dritt u fil-fatt u għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż kollha kontra l-atturi;

2. Illi filwaqt li l-mandati kawtelatorji kollha ad eċċezzjoni tal-mandat ta' inibizzjoni, jinħarġu fuq ir-responsabbilita' ta' min jitlob il-ħruġ tagħhom, u min jitlob il-ħruġ tagħhom huwa passibbli tad-danni u interessi jekk jiġi rikonoxxut li l-mandat ġie ottenut inġustament, fil-każ ta' mandat ta' inibizzjoni, dan jinħareġ biss wara li l-Qorti tkun sodisfatt li l-mandat huwa meħtieġ sabiex jiġu mħarsa l-jeddijiet ta' min jitlob il-ħruġ tiegħu, u li r-rikorrent

*prima facie* jidher li għandu dawk il-jeddijiet (Art. 873(6) KOPC);

3. Illi f'mandat ta' inibizzjoni, l-esekutat għandu jedd għad-danni u mgħaxijiet kontra l-esekutant, f'każ ta' nullita' tal-mandat jew tal-esekuzzjoni tiegħu, jekk in-nullita' tkun ġejja mill-fatt ta' l-esekutant (Art. 282 KOPC), jew f'każ li r-rikorrent jonqos li jagħmel il-kawża fi żmien preskritt mill-Liġi (Art. 843 KOPC). Id-depożizzjonijiet ta' dawn iż-żewġ artikoli huma estiżi għall-mandat ta' inibizzjoni bl-artikolu 876 ta' l-imsemmi Kap. 12. Fil-kawża ofjerna ebda waħda miż-żewġ ċirkostanzi ma jissussistu;

4. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat id-digriet tagħha tat-2 ta' Mejju 2000 fejn ordnat l-allegazjoni ta' l-atti tal-kawża ċitazzjoni numru 154/1993 fl-ismijiet "Joseph Apap et. vs .Joseph Farrugia pro et nomine", deċiża fil-21 ta' Novembru 1997, u tal-mandat ta' inibizzjoni relattiv numru 1048/1993 fl-istes ismijiet.

Rat id-digriet tagħha tal-15 ta' Gunju 2011 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza *in parte* fuq it-tieni u t-tielet eċċezzjonijiet.

Rat in-noti ta' l-Osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti.

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi l-verbali tax-xhieda mismugħa u d-dokumenti esebiti.

Ikkunsidrat:

Illi permezz ta' din il-kawża l-atturi qed jitolbu li jiġu likwidati d-danni allegatament ikkaġunati lilhom mill-konvenuti wara li dawn żammewhom għal diversi snin milli jiżviluppaw parti mill-fond tagħhom permezz ta' mandat ta' inibizzjoni, u li l-istess konvenuti jiġu kkundannati jħallsuhom id-danni hekk likwidati.

Bit-tieni u t-tielet eċċezzjoni tagħhom, il-konvenuti eċċepew illi, kontra l-pożizzjoni f'mandati kawtelatorji

oħra, mandat ta' inibizzjoni joħroġ biss jekk il-Qorti tkun sodisfatta li *prima facie* jeżistu d-drittijiet pretiżi mir-rikorrent. Jikkontendu wkoll li r-rikorrenti f'tali mandat ikun responsabbli għad-danni biss f'każ ta' nullita' tal-mandat jew fl-esekuzzjoni tiegħu, jew jekk ir-rikorrent jonqos milli jagħmel il-kawża fiż-żmien preskritt mil-liġi.

Il-konvenuti jsostnu illi ma humiex responsabbli għall-ebda danni allegatament ikkaġunati lill-atturi, għax kull ma għamlu meta istitwew il-mandat ta' inibizzjoni in kwistjoni kien li eżerċitaw id-drittijiet mogħtija lilhom mil-liġi. Dan il-mandat ġie intavolat fil-15 ta' Settembru 1993 u nħareġ permezz ta' digriet ta' din il-Qorti ta' l-14 ta' Ottubru ta' l-istess sena,[1] u ċioe' qabel l-emendi proċedurali promulgati bl-Att XXIV tas-sena 1995 li stabilew raġunijiet *ad hoc* għaliex għandhom jitħallsu d-danni f'każ ta' ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni. Għalhekk ma jistgħax japplika l-artikolu 836(8) tal-Kap. 12 għas-sitwazzjoni preżenti, imma l-artikolu 1031 tal-Kodiċi Ċivili li jistipula li "**kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu**."

Il-prinċipji stabiliti mill-ġurisprudenza lokali f'każijiet simili dwar talba għad-danni minħabba l-ħruġ ta' mandat kawtelatorju a bażi ta' dan l-artiklu tal-liġi, huma s-segwenti:

"(a) huwa prinċipju fondamentali illi min jeżerċita dritt li jispetta lilu ma jistax jitqies li f'dan l-eżerċizzju ikun responsabbli għall-ħsara li bħala konsegwenza jista' jbati ħaddieħor, in omaġġ għall-massima '**qui suo iure utitur, non videtur damnum facere**', bil-konsegwenza li d-dritt għar-rikors għall-protezzjoni tal-Qorti, huwa dritt li l-eżerċizzju tiegħu miċ-ċittadin ma għandu bl-ebda mod jiġi mxekkel;

(b) illi tali dritt taċ-ċittadin għar-rikors lejn il-Qorti ma għandux jiġi abbużat;

[1] Ara atti tal-Mandat ta' Inibizjzoni nru. 1048/1993 fl-ismijiet "Joseph Apap et. vs Joseph Farrugia et." allegati ma' din il-kawza .

(c) illi l-fatt li t-talba ta’ min ipprovoka l-proċeduri tiġi miċħuda mill-Qorti, bl-ebda mod ma tfisser neċessarjament li sar abbuż mid-dritt li tiġi adita l-Qorti. ‘**Non e’ in colpa chi, chiede al tribunale il riconoscimento, sebbene non vi riesca**.’ (Demajo v. Page vol. XV. pg. 34. P.A. 24.1.1895). Dan għaliex għalkemm il-liġi hija l-istess għal kulħadd, huwa veru ukoll li l-liġi hija soġġetta għal diversi interpretazzjonijiet li l-partijiet jafdaw fil-ġudikant biex jinterpreta u jiddeċidi dwarhom.

(d) illi tali abbuż jiġi riskontrat biss f’każijiet eċċezzjonali u dan kważi dejjem f’każijiet ta’ vessatorjeta’ (Emanuele Calleja v. Carmelo Grima – A.C. XXXIX. I. 24) naxxenti minn **mala fede** jew **dolo** jew almenu **negliġenza gravament kolpuża** (Agius v. Dott. Carbone noe. –XIII. 434 –10.4.1890), fejn min ikun adixxa lill-Qorti ghall-hrug ta’ tali mandat kawtelatorju ikun ibbaża fuq ċirkostanzi manifesti ‘*priva di qualsiasi fondamneto nel fatto e nel diritto per cui il giudizio promosso si dimostri vessatorio. Ma un fallace apprezzamento dei fatti posta a base dell’istanza e delle conseguenze giuridiche che ne derivano non e’ sufficiente a legittimare una domanda per danni da parte del vincitore nelle lite*.” (Mugliette v. Bezzina –XXVI. I. 405) .

(e) Illi dan l-aħħar prinċipju huwa bbażat fuq il-fatt li l-element ta’ vessatorjeta’ jimplika abbuż tad-dritt ta’ azzjoni ġudizzjarja, għaliex ingħad sew illi:- ‘*il dirittto cessa dove commincia l’abbuzo …. riteniamo che basta, per proteggere tutti l’interessi che ne sono degni, per dare una base giuridica alle diverse decisioni che provocano i bisogni della societa’, di aderire al concetto generale che tutti u diritti hanno dei limiti.*’ Applikat dan il-prinċipju għad-dritt ta’ azzjoni kontra persuna jfisser illi ‘ ***chi agisce in mala fede od in seguito ad un grossolano errore, puo’ essere condannato a pagare un’indemnita’ al suo avversario***….” (Baudry-Lacantinerie – Trattato Prattico di Diritto Civile – Delle Obligazioni – vol. VI. pg. 560).

Applikati dawn il-prinċipji għall-każ in eżami, naraw illi:

(i) huwa minnu illi mandat ta' inibizzjoni joħroġ biss jekk il-qorti jkun jidhrilha *prima facie* li r-rikorrent għandu xi jeddijiet li jenħieġu jiġu kkawtelati. Ma jiffissirx b'daqshek li r-rikorrent huwa eżentat minn kwalunkwe responsabilita' jekk eventwalment fil-kawża in sostenn ta' tali mandat, jirriżulta li kien jaf jew seta' kien jaf li qatt ma kellu raġun fil-pretensjonijiet tiegħu. Il-prinċipji ġenerali tal-liġi, kif imfissra hawn fuq, fir-rigward tad-danni jibqgħu dejjem japplikaw;

(ii) ma jrriżultax li l-artikolu 876 tal-Kap. 12 jirrendi applikabbli għal mandati ta' inibizzjoni l-artikolu 282 ta' l-istess liġi;

(iii) il-mandat ta' inibizzjoni in kwistjoni kien inħareġ għax ir-rikorrenti kienu allegaw illi: "…*l-intimati sejrin iħottu u jaqilgħu l-parti esposta tal-ħajt u jtellgħu qoxra singlu mal-parti rimanenti b'tali mod li minbarra li sejrin inaqqsu l-ħxuna tal-ħajt divizorju u b'hekk possibilment is-saħħa tiegħu, sejrin jirbħu biċċa mill-ispazju li fil-preżent tinsab okkupata mill-istess ħajt, oltre d-danni prevedibbli li jistgħu jiġru fil-bini tal-fond ta' l-esponenti stante li dan jinsab appoġġjat ma' ħajt antik li l-wisgħa tiegħu sejra tiġi ridotta u esposta*." [2]

(iv) mill-atti tal-kawża preżenti jirriżulta li, wara li kien inħareġ dan il-mandat u ġiet intavolata l-kawża relattiva, l-atturi kienu għamlu ħilithom sabiex, kemm jista' jkun malajr, jipprovaw jittransiġu l-pendenzi li kien hemm sabiex ikunu jistgħu jkomplu bix-xogħlijiet tagħhom, u dan billi jippruvaw jikkonvinċu lill-konvenuti bis-saħħa ta' opinjonijiet esperti li ma kellhomx raġun fil-pretensjonijiet tagħhom. Infatti kif spjega l-attur Michael Farrugia in kontro-eżami, "…*aħna ma ridniex nidħlu f'dawn l-affarijiet. Jiena personali ersaqt lejn… wieħed minnhom u għidtlu …'dawn l-affarijiet … nistgħu nirranġaw'. Tant hu hekk morna ġibna perit…Edward Bencini minn Malta …biex jagħtina l-opinion…tiegħu, urejnih l-opinion, għednilu …ommi ma għandhiex bżonnu it-taħbit… u għednilhom*

[2] ara kopja ta' l-atti tal-mandat ta' inibizzjoni nru. 1048/93 fl-ismijiet : Joseph Apap et. vs Jospeh Farrugia et., allegati mal-kawza presenti .

*biex ma jersqux lejn il-qorti, nippruvaw nirranġaw. U jafu bejn is-sewwa, dak il-ħajt ma kienx tagħhom. Imma still, vendikazzjoni, baqgħu sejrin bil-kawża*." [3] Din ix-xhieda hija kkoroborata b'żewġ ċertifikati rilaxxjati mill-A.I.C Teddie Busuttil fis-26 ta' April 1995 u mill-A.I.C. Edward Bencini fid-9 ta' Mejju 1994,[4] li minnhom jirriżulta ampjament li l-istruttura tal-ħajt in kwistjoni kienet tindika li l-ħxuna tiegħu fuq in-naħa ta' Farrugia kienet tappartjeni lilhom. Anke jekk għall-grazzja ta' l-argument il-konvenuti ma setgħux ikun jafu bl-armarju li kien hemm f'dan il-ħajt minn naħa ta' Farrugia, meta talbu l-ħruġ tal-mandat tagħhom, huma setgħu liberament kkonsultaw ma' perit tal-fiduċja tagħhom biex jikkonfermalhom dak li kienu qed jiddikjaraw il-periti imqabbda minn Farrugia, u dan sew qabel ma talbu l-ħruġ ta' dan il-mandat, għax l-indikazzjonijiet l-oħra msemmija f'dawn iċ-ċertifikati kienu evidenti għalihom minn qabel, u wisq iżjed wara li ġew rilaxxjati dawn iċ-ċertifikati, ftit xhur biss wara li ta' Apap istitwew il-kawża tagħhom in sostenn ta' dak il-mandat. Madanakollu għażlu li jippersistu bil-proċeduri li kienu ntavolaw kontra ta' Farrugia, u l-mandat ġie rtirat biss wara s-sentenza ta' din il-Qorti iżjed minn erba' snin wara;

(v) fir-rigward imbaghad ta' l-allegati ħsarat strutturali, għalkemm fix-xhieda tagħhom f'din il-kawża l-konvenuti jerġgħu isostnu li waħda mir-raġunijiet għaliex kienu talbu l-ħruġ ta' dan il-mandat ta' inibizzjoni kienet il-biża ta' ommhom li bit-twaqqieħ tal-bini tagħhom l-atturi odjerni kienu ser jikkawżawlha danni nġenti fid-dar residenzjali tagħha,[5] dwar dan baqgħu qatt ma ressqu ebda tip ta' prova. Kif qalet din il-Qorti, kif ippreseduta, fis-sentenza tagħha fil-kawża li kienet saret in segwitu għall-ħruġ ta' dak il-mandat, "…*m'għandhom ebda dritt l-atturi joġġezzjonaw li din (b'referenza għall-ħajt in kwistjoni) tinħatt u tiġi sostitwita b'qoxra ġdida, sakemm ma tkunx qed tiġi perikolata l-istabilita' tal-bini tagħhom. L-atturi ma ressqux provi illi dan jista' jkun il-każ, u għalhekk ma jibqa'*

---

[3] ara kontro-ezami ta' Michael Farrugia ta' l-4.06.2008 a fol- 69 - 70 tal-process' ta' din il-kawza .

[4] a fol. 83 - 85 tal-process tal-kawza nru. 154/1993 .

[5] ara affidavits ta' Joseph Apap a fol. 89 - 91, u dak ta' Felix Apap a fol. 96 - 97 .

*ebda raġuni għaliex il-konvenuti m'għandhomx jitħallew iwettqu l-proġett tagħhom*." [6]

F'tali ċirkostanzi fejn il-konvenuti preżenti baqgħu jinsistu li jżommu dan il-mandat fis-seħħ anke wara li ġew rinfaċċjati b'indikazzjonijiet ċari u inekwivoċi li ma kellhomx raġun dwar il-proprjeta' tal-ħajt diviżorju sa minn ftit xhur biss wara li ġiet istitwita l-kawża relattiva, u lanqas fir-rigward tad-danni strutturali li baqgħu qatt ma ressqu ebda provi dwarhom, ma jidhirx li huma aġixxew daqstant bi *buona fede*.

Għaldaqstant u għar-raġunijiet imfissra hawn fuq, it-tieni u t-tielet eċċezzjoni tal-konvenuti qed jiġu miċħuda, u jibqa' biss li jiġi stabilit jekk l-atturi tassew sofrewx xi danni minħabba dan l-aġir abużiv tal-konvenuti, u f'każ affermattiv li jiġu kwantifikati l-istess danni.

Tiddiferixxi għalhekk il-kawża għall-kontinwazzjoni.

L-ispejjeż jibqgħu riservati għas-sentenza finali

**< Sentenza In Parte >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[6] ara sentenza ta' din iI-Qorti tal-21.11.1997 fil-kawza fl-ismijiet: Joseph Apap et. vs Joseph Farrugia et. (cit. 154/1993) .